# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru 2022**

**Rikors Numru 258/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

**Vs**

**Alexei Gafa (KI 34480M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 25 ta' Marzu 2022, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet s-segwenti:

   1. *Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Vanessa Pool tal-25 ta' April 2013, il-konvenut kien ingħata faċilita` ta' self mis-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' Euro 41,236.26 (wieħed u erbgħin elf, mitejn, sitta u tletin Ewro u sitta u għoxrin ċentezmu) u dan abbażi ta' Sanction Letter li ġġib id-data tal-5 ta' Frar 2013;*

   2. *Illi l-intimat naqas milli jħallas l-pagamanti dovuti lis-soċjeta' attriċi kif stipulat skont l-istess Sanction Letter; għaldaqstant, is-soċjeta' attriċi interpellat lil konvenut permezz ta' ittra uffiċjali tad-29 ta' Ottubru 2018 sabiex dan tal-aħħar iħallas l-arretrati, iżda, minkejja dan, huwa baqa' inadempjenti biex b'hekk il-bilanċ sar kollu dovut;*

   3. *Illi l-ammont dovut sal-21 ta' Marzu 2022 in kwantu din il-faċilita` jammonta għal sebgħa u erbgħin elf, erbgħa u għoxrin Ewro u erbgħa ċenteżmu (€47,024.04) u ċioe sebgħa u tletin elf, mitejn, tmienja u sittin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€37,268.52) huwa rappreżentanti kapital filwaqt li l-bilanċ ta' disat elef seba' mija ħamsa u ħamsin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€9,755.52) huwa dovuti f'imgħaxijiet ikkalkolati sal-21 ta' Marzu 2022.*

4. *Illi oltre dan, il-konvenut Gafa ingħata faċilita` oħra bankarja, u dan abbażi ta' Personal Term Credit Agreement li nħareġ fix-xahar ta' Ottubru 2017 sabiex il-konvenut seta' jirriffinanzja dejn li huwa kellu mal-istess Bank fir-rigward ta' faċilita` ta' credit card.*

5. *Illi għal darb' oħra, il-konvenut ma żammx mal-kundizzjonijiet ta' ħlas stipulati fl-istess skrittura u għalkemm interpellat sabiex iħallas is-somom dovuti permezz tal-istess ittra uffiċjali surreferita, huwa baqa' inadempjenti;*

6. *Illi l-ammont dovut sal-21 ta' Marzu 2022 in kwantu din il-faċilita` tal-aħħar jammonta għal sitt elef, mitejn, disgħa u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€6,239.94), li minnhom is-somma ta' erbat elef, disa' mija, ħamsa u sebgħin Ewro (€4,975) hija rappreżentanti kapital filwaqt li l-bilanċ ta' elf, mitejn, erbgħa u sittin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€1,264.94) huwa dovuti f'imgħaxijiet ikkalkolati sal-21 ta' Marzu 2022.*

*Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi titlob li din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

1. *Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont kumplessiv ta' tlieta u ħamsin elf, mitejn, tlieta u sittin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€53,263.98), bl-imgħax legali ulterjuri mit-22 ta' Marzu 2022 sad-data tal-pagament effettiv, dan a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta*

2. *Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' tlieta u ħamsin elf, mitejn, tlieta u sittin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€53,263.98), bl-imgħax legali mit-22 ta' Marzu 2022 sad-data tal-pagament finali liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datat numru 3653/18 u dawk tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment kontra l-intimat li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni. Bl-imgħax ulterjuri skond il-liġi sad-data tal-pagament effettiv.*

7. Rat illi fit-8 ta' Novembru 2022, l-intimat ippreżenta nota illi biha ammetta t-talbiet kif dedotti.

8. Rat illi fit-22 ta' Novembru 2022, il-partijiet qablu illi, fuq tali ammissjoni, il-Qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u rat l-ammissjoni tal-intimat;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, konsegwentement:

**Tiddikjara** li l-konvenut Alexei Gafa huwa debitur tas-soċjeta' attriċi HSBC Bank Malta plc fl-ammont kumplessiv ta' **tlieta u ħamsin elf, mitejn, tlieta u sittin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€53,263.98)**, bl-imgħax legali ulterjuri mit-22 ta' Marzu 2022 sad-data tal-pagament effettiv, dan a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Tikkundanna** lill-konvenut Alexei Gafa sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi HSBC Bank Malta plc l-ammont ta' **tlieta u ħamsin elf, mitejn, tlieta u sittin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€53,263.98)**.

Imgħax legali huwa dovut mit-22 ta' Marzu 2022 sad-data tal-pagament finali.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimat.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**